

Uffiċjal Legali

Unità: Servizzi ta' Ġestjoni tar-Riżorsi
Referenza: ECDC/FGIV/2023/RMS-LO

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jippjana li jirrekluta persuna waħda għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq. L-ECDC għandu l-għan li jistabbilixxi lista ta' riżerva.

It-Taqsima tas-Servizzi Legali hija l-punt ċentrali ta' referenza għall-mistoqsijiet legali kollha fl-ECDC. Tipprovdi parir legali lit-taqsimiet u lill-unitajiet l-oħra; tivverifika dokumenti dwar is-solidità legali tagħhom, tfejji dokumenti u proċeduri ta' politika, u hija involuta fit-tfejji u l-prestazzjoni tal-ħidma operattiva tal-ECDC.

Id-detentur tal-impjieg ser jirrapporta għand il-Kap tat-Taqsima tas-Servizzi Legali. Id-detentur tal-impjieg se jaħdem b'mod indipendenti fuq xi assenjazzjonijiet u ma' membri oħra tat-tim fuq inkarigi oħra.

Id-detentur tal-impjieg ser ikun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Il-provvediment ta' analiżi u pariri legali sodi ffokati fuq is-soluzzjoni biex tiġi żgurata l-konformità mal-qafas legali taċ-Ċentru (minbarra r-Regolament ta' Twaqqif tal-ECDC (ir-Regolament (KE) Nru 851/2004) u r-Regolament (UE) 2022/2371 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa, dan jinkludi l-oqsma tal-akkwist, il-kuntratti u l-għotjiet, il-protezzjoni tad-*data*, il-proċeduri ta' governanza, il-kunflitt ta' interess, il-proprjeta intellettwali, l-aċċess għad-dokumenti);
- L-abbozzar ta' dokumenti proċedurali, opinjonijiet legali, rapporti u dokumenti ta' ħidma dwar kwalunkwe kwistjoni legali li tinqala' fl-operati ta' kuljum tal-Aġenzija u fl-implementazzjoni ta' regoli u politiki applikabbli;
- Ir-reviżjoni tas-solidità legali tad-dokumenti;
- It-tfejji/L-aġġornament ta' abbozzi ta' mudelli, linji gwida, regoli interni, regoli ta' implementazzjoni, proċeduri, politiki jew/u deċiżjonijiet;
- It-twettiq ta' riċerka legali, l-analiżi u s-segwitu tal-ġurisprudenza;

- L-assistenza fi proċedimenti legali;
- Il-kontribut għat-taħriġ dwar kwistjonijiet legali;
- Il-parteċipazzjoni f'laqgħat u fi gruppi ta' ħidma kif xieraq;
- Il-kontribut u l-aderenza għall-promozzjoni tar-rispett tan-normi, il-kodiċijiet ta' kondotta, il-proċeduri u l-istandards ta' kontroll;
- Kwalunkwe kompitu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu kif meħtieġ.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin, attestati b'diploma ¹;
- Għarfien approfondit ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra uffiċjali tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek²;
- Ċittadinanza ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)³;
- Li tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

B. Kriterji tas-selezzjoni

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza/għarfien professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas 3 snin, (wara l-għoti tad-diploma), ta' esperjenza professjonali miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Lawrja universitarja fil-liġi;
- Għarfien eċċellenti tal-qafas legali tal-UE, preferibbilment inkluż ir-regolament finanzjarju tal-UE, l-akkwist pubbliku, u/jew il-protezzjoni tad-*data*;
- Esperjenza mixhuda bi prova fl-abbozzar ta' dokumenti legali (eż. pariri, sottomissjonijiet fi proċedimenti ġudizzjarji, deċiżjonijiet u opinjonijiet);
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

1 Ser jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

2 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom ta' tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

3 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Ħiliet eċċellenti fil-komunikazzjoni ta' kwistjonijiet legali kumplessi lil professjonisti mhux legali;
- Il-kapaċità li tinvestiga u tanalizza informazzjoni kumplessa minn firxa wiesgħa ta' sorsi, inti u tikkunsidra l-għażliet; tipproponi; u timplimenta soluzzjonijiet effettivi biex jiġu kkontestati kwistjonijiet legali u prattiċi;
- Livell għoli ta' orjentazzjoni lejn is-servizz b'approċċ iffokat fuq is-soluzzjoni;
- Il-kapaċità eċċellenti li taħdem f'tim b'membri minn sfondi kulturali differenti u f'ambjent multidixxiplinari.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat ta' selezzjoni jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji ta' selezzjoni msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaqs

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi tal-età, ir-razza, il-konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kondizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista preliminari proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista preliminari ta' kandidati ser tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħa.

Il-kandidat magħżul ser jiġi rreklutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra ser tkun fil-**Grupp ta' Funzjoni IV**.

L-applikanti għandhom ikunu jafu dwar ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjonijiet u tista' tiġi estiża.

Proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal dan il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u sottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data rreklamata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikun hemm traffiku kbir fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ bl-email awtomatiku li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁴ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁴ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum taċ-Ċentru hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.